# 23. Għanja lill-Għodwa

Is-sliem għalik ja Għodwa. int Ruħ qawwija!
Mix-xefaq fejn in-nifs ta’ ruħek jieħu
sura ta’ dawl u ġmiel u mantar jilbes
ta’ sħab imdieheb,

Tferrex setgħatek fuq ibliet u eaba’,
ħabbara ta’ binhar, qajjiema bieżla
tal-ħlejjaq kollha, u tax-xogħ’l u l-ħajja
għannejja kbira.

Minn fuq ħmuret il-baħar, fejn jittajjar
il-qlugħ ħamrani ta’ xi skuna riesqa,
tasal bil-mod il-mod, ħelwa bħall-għasel,
il-għanja tiegħek:

“Qumu ħlejqiet, ħarbu tal-lejl id-dlalem,
wasal id-dawl u waslet is-sbuħija;
aqbdu l-baqqun, u kebbsu n-nar fil-forġa,
aħdmu bil-ħerqa;

“Ix-xogħ’l hu riżq u hena, x-xogħ’l hu barka;
bil-għaraq illi jġelben minn ħaddejkom
isir bil-mod il-mod tal-qell il-ġawhar
li jżejjen ġieħkom.”

U bil-eluf in-nies tax-xogħ’l u l-bhejjem
u l-għasafar itennu għalanija
il-għanja tiegħek, u għannuna waħda
jibdew il-ħidma;

Barra mill-bidwi li jgħaddik u bikri
għad-dell tal-qara’ twil madwar il-grabja
barmil wara barmil ikun ġa mela
nofs ġiebja ilma,

Inkella jkun ġa ġie mill-bejgħ tal-biegħa
maqtugħa friska minn ġol-art fl-għaxija,
u jkun qiegħed iħott il-bagħla bieżla
għal ġewwa l-maqjel;

U barra mis-sajjied li kmieni kmieni
f’kajjik jitbandal maċ-ċaqliq tal-baħar
jisbaħ ibattal minn ġon-nassa mtellgħa
il-ħut qabbieżi.

U bħal stedina ħelwa biex il-ħlejjaq
jimxu ’l quddiem fi triq il-ġid u s-sewwa,
erħilek tiżra’ l-lwien, il-ġmiel, u d-dija
ma’ kullimkien.

Tidħol fil-mandra, u bejn il-pal tal-bajtar
tikxef bid-dija x-xibka tal-ħanfusa
u t-trejqa tal-bebbux imfidda bl-għaqal
qalb xewk u nida;

Tgħaddi mill-ġnien w arak taqla’ tislima
mit-trombi tan-narċis u l-kampanella;
lill-friefet dlonk tiftħilhom il-blanzuni
li bexxqu l-bieraħ;

Minn ġewwa l-liedna toħroġ lill-gremxula,
b’għajnejha mqabbża qishom żewġ fanali
mixgħula bik; u fuq subgħajk ittella’
minn ġot-tengħuta

Il-bilbla fl-għoli biex tpespislek għanja;
u bl-ilsna tal-għasafar iddoqq mota
ta’ ferħ u talb ġewwa l-kampnari mwerrqa
taċ-ċipress għoli.

U malli tara li għanjetek laqtet
flimkien ma’ dawlek qlub il-ħlejjaq kollha,
ġewwa fik tmewweġ mewġa ferħ qawwija,
li tisboq qalbek

U tfawwar fi tbissima ħamranija
ma’ ġismek kollu; u hekk kif din il-ħmura
lewn wara lewn tiblieq ix-xemx fid-dija,
int titlaq ġwejda.

Tferrex setgħatek fuq inħawi oħra,
ħabbarha ta’ binhar, qajjiema bieżla
tal-ħlejjaq kollha u tax-xogħ’l u l-ħajja
għannejja kbira!